MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2008

Talba Numru. 797/2007

Maltacom plc (C22334), u b'digriet tad-29 ta' Novembru 2007 l-isem tas-socjeta' attrici gie mibdul ghal GO p.l.c.

Vs

Charlotte Xuereb (Id.374580M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elf, tlett mija u sitta u sittin Ewro u seba u hamsin centezmu (€1,366.57) minghand il-konvenuta, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21230759. U minkejja li l-konvenuta giet debitament interpellata sabiex thallas, hija baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza, bl-ispejjes u bl-imghax kontra taghha.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenuta thallas is-somma ta' elf, tlett mija u sitta u sittin Ewro u seba u hamsin centezmu (€1,366.57), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------